Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9781/17

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0131 (COD)
2016/0132 (COD)
2016/0133 (COD)
2016/0222 (COD)
2016/0223 (COD)
2016/0224 (COD)
2016/0225 (COD)

ASILE 38
ASIM 64
CSC 115
EURODAC 17
ENFOPOL 277
RELEX 467
CODEC 936

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8715/1/16 REV 1 ASILE 11 CODEC 613 11318/1/16 REV 1 ASILE 28 CODEC 1078 11316/16 ASILE 26 CODEC 1076 + ADD 1 11317/16 ASILE 27 CODEC 1077 + ADD 1 + ADD 2 8765/1/16 REV 1 ASILE 13 EURODAC 3 ENFOPOL 132 CODEC 630 8742/16 ASILE 12 CODEC 619 11313/16 ASIM 107 RELEX 650 COMIX 534 CODEC 1073
Suġġett:	**Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni** – **Dublin**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) – **Kondizzjonijiet ta' akkoljenza**: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) – **Kwalifika**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul (L-ewwel qari) – **Proċedura**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (L-ewwel qari) – **Eurodac**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed tirrisjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) – **EASO**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (L-ewwel qari) – **Qafas ta' Risistemazzjoni**: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L-ewwel qari) = Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Fl-4 ta' Mejju 2016 u fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat seba' proposti leġislattivi li l-għan tagħhom huwa r-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), jiġifieri r-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u tar-Regolament EURODAC, u proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni fl-UE, proposta għal Regolament dwar il-Kwalifika, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza, u proposta għal Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.

Il-Presidenza Maltija eżaminat il-proposti msemmijin hawn fuq, li nbdew mill-Presidenza Netherlandiża u dik Slovakka. Dan ir-rapport ta' progress jibni fuq ir-rapport preċedenti ppreżentat lill-Kunsill fis-27 ta' Marzu, kif jinsab fid-dokument 6851/17.

II. APPROĊĊ TEMATIKU

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill komplew jiddiskutu wħud mill-kwistjonijiet f'approċċ tematiku, inkluż l-eżami konġunt ta' ċerti artikoli fl-erba' proposti kollha (ir-Regolament ta' Dublin, ir-Regolament li jistabbilixxi Proċedura Komuni, ir-Regolament dwar il-Kwalifika u d-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza). Dan l-approċċ intuża għall-eżami li tkompla tat-temi orizzontali speċifiċi li ġejjin:

- il-limitazzjoni tal-abbuż u l-movimenti sekondarji; u
- il-garanziji għal dawk bi bżonnijiet speċjali.

Id-definizzjonijiet trasversali mill-proposti differenti ġew eżaminati wkoll b'mod konġunt. Dan ippermetta lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil jindirizza l-punti ewlenin ta' tħassib b'mod ġenerali u jaħdem favur kompromess finali, li jenħtieġ li jkun bilanċjat kif suppost. Dan l-approċċ tematiku ntlaqa' mill-Istati Membri u wassal għal progress sostanzjali fil-proposti, u tlestew id-diskussjonijiet dwar dawn it-temi.

III. IR-REGOLAMENT TA' DUBLIN

Minbarra l-kontinwazzjoni tal-proċess li għandu l-għan li jsib kompromess fir-rigward tal-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' responsabbiltà u ta' solidarjetà kif deskritt fil-punt X ta' dan ir-rapport, diversi artikoli tar-Regolament ta' Dublin li jirrigwardaw it-tutela u l-limitazzjoni tal-abbuż u l-movimenti sekondarji ġew eżaminati fil-qafas tal-approċċ tematiku.

IV. ID-DIRETTIVA DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' AKKOLJENZA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil kompla jeżamina r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza fil-qafas tal-approċċ tematiku msemmi hawn fuq kif ukoll abbażi ta' testi ta' kompromess oħra riveduti proposti mill-Presidenza.

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil li saret fl-10 ta' Mejju, sar progress f'ħafna aspetti tal-proposta. Madankollu, xi kwistjonijiet sensittivi għadhom pendenti, partikolarment id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess tal-applikanti għall-asil għas-suq tax-xogħol, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-movimenti sekondarji, inkluż l-assenjament ta' residenza, id-detenzjoni u t-tnaqqis u l-irtirar ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza. Barra minn hekk, il-progress f'għadd ta' kwistjonijiet pendenti jiddependi mill-progress li jsir fin-negozjati ta' proposti oħrajn dwar is-SEKA, partikolarment ir-Regolament ta' Dublin u r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil.

Il-Presidenza beħsiebha toħroġ proposta ta' kompromess ġdida riveduta fi żmien qasir, li għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil fl-14 ta' Ġunju.

V. IR-REGOLAMENT DWAR IL-KWALIFIKA

Abbozz ta' proposti ta' kompromess dwar it-test tar-Regolament dwar il-Kwalifika ġew diskussi f'ħames laqgħat tal-Kunsillieri tal-ĠAI (fl-24 ta' Marzu, l-10 ta' April, is-27 ta' April, is-16 ta' Mejju u l-31 ta' Mejju 2017).

Uħud mill-kwistjonijiet sensittivi, li kienu jesiġu aktar diskussjoni approfonditi, kienu d-definizzjoni ta' membri tal-familja u l-familji ffurmati barra mill-pajjiż ta' oriġini, il-protezzjoni li tista' tinkiseb f'ċerti partijiet tal-pajjiż ta' oriġini (l-alternattiva tal-protezzjoni interna) u l-oneru tal-provi f'każijiet bħal dawn, l-effetti retroattivi ta' deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali, ir-rwol tal-aspetti relatati mas-sigurtà fost ir-raġunijiet li jippermettu l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat, kif ukoll il-kontenut u d-definizzjoni tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali (id-drittijiet u l-benefiċċji li jistgħu jingħataw lill-benefiċjarji).

Fis-16 ta' Mejju 2017, il-Coreper laħaq qbil dwar waħda mill-aktar aspetti diffiċli tal-proposta, jiġifieri l-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza.

L-għan tal-Presidenza huwa li tippreżenta test lill-Coreper biex jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali qabel tmiem il-mandat tagħha.

VI. IR-REGOLAMENT DWAR IL-PROĊEDURI

Kompla l-eżami tal-proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil u ġew diskussi abbozz ta' proposti ta' kompromess għal dawk l-artikoli inklużi fil-qafas tal-approċċ tematiku. Id-dispożizzjonijiet b'rabta mal-applikanti bi bżonnijiet speċjali (minorenni mhux akkumpanjati u tutela, eżami mediku, applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati) kienu partikolarment diffiċili f'termini ta' kontenut, koordinazzjoni u koerenza ma' dispożizzjonijiet simili fi proposti oħra tal-pakkett. F'dan ir-rigward, sar sforz biex jiġu ssimplifikati aħjar il-proċeduri, il-perijodu ta' żmien, ir-rwoli u l-kompiti previsti fil-proposti differenti. Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib rigward ċerti dispożizzjonijiet bl-għan li jillimitaw il-movimenti sekondarji li fl-opinjoni tagħhom naqsu milli jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-ġlieda kontra l-abbuż u l-għoti tal-protezzjoni meta jkun meħtieġ.

VII. IR-REGOLAMENT EURODAC

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill, filwaqt li qed jistennew l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew[1], eżaminaw diversi kwistjonijiet li ma kinux inklużi fl-approċċ ġenerali parzjali li ntlaħaq qbil dwaru f'Diċembru 2016, bil-ħsieb li jiġi estiż il-mandat ta' negozjar mal-Parlament Ewropew. Fuq il-bażi ta' żewġ valutazzjonijiet tal-impatt minn eu-LISA, ġew ikkunsidrati bir-reqqa l-inklużjoni ta' kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar bil-kulur fil-bażi ta' data u l-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jfittxu fil-EURODAC bl-użu ta' data alfanumerika. Barra minn hekk, ġiet eżaminata wkoll l-inklużjoni ta' data dwar persuni rreġistrati għall-finijiet tat-twettiq ta' proċedura ta' ammissjoni fl-abbozz ta' Regolament. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza beħsiebha tippreżenta test rivedut bil-modifiki rilevanti għall-approvazzjoni tal-Coreper qabel tmiem il-mandat tagħha.

VIII. IR-REGOLAMENT EUAA

Wara l-qbil dwar approċċ ġenerali parzjali fil-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2016, il-Presidenza bdiet negozjati mal-Parlament Ewropew f'Jannar 2017. Sa issa, saru ħames trilogi informali fis-7 ta' Frar, it-8 ta' Marzu, il-21 ta' Marzu, it-2 ta' Mejju (kompla fil-11 ta' Mejju) u fl-1 ta' Ġunju. Bi tħejjija għal dawn it-trilogi informali, ġew organizzati għadd kbir ta' laqgħat tekniċi mal-Parlament Ewropew. Fil-qafas tal-Kunsill, il-Presidenza organizzat għadd ta' laqgħat tal-Kunsillieri ĠAI biex tiġbor il-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew kif ukoll dwar is-suġġerimenti ta' kompromess possibbli.

[1] Il-kumitat LIBE ivvota dwar ir-rapport tal-PE fit-30 ta' Mejju 2017.

Fis-7 ta' Frar, matul l-ewwel trilogu, il-Presidenza u r-relatur tal-Parlament Ewropew ippreżentaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-aktar kwistjonijiet importanti tal-proposta, jiġifieri "Monitoraġġ", "Organizzazzjoni tal-Aġenzija", u "Assistenza Operazzjonali u Teknika". Fit-8 ta' Marzu, matul it-tieni trilogu, in-negozjaturi kellhom diskussjoni approfondita dwar l-"Assistenza Operazzjonali u Teknika", li kompliet matul it-tielet trilogu fil-21 ta' Marzu. Fit-2 u l-11 ta' Mejju (ir-raba' trilogu), il-koleġislaturi kellhom diskussjoni approfondita dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ kif ukoll dwar id-diversi emendi tal-Parlament Ewropew relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Fl-1 ta' Ġunju (il-ħames trilogu), il-koleġislaturi ddiskutew id-dispożizzjonijiet dwar "Informazzjoni u Gwida dwar il-Pajjiż", kif ukoll "Organizzazzjoni tal-Aġenzija". Fil-bidu ta' kull trilogu, ġiet approvata ad referendum lista ta' dispożizzjonijiet maqbula fil-livell tekniku bejn trilogu u ieħor. B'riżultat ta' dawn in-negozjati, intlaħaq qbil ad referendum mill-koleġislaturi dwar il-Kapitolu 2 ("Kooperazzjoni Prattika u Informazzjoni dwar l-Asil"), il-Kapitolu 4 ("Standards Operazzjonali u Linji Gwida"), il-Kapitolu 6 ("Assistenza Operazzjonali u Teknika") u l-Kapitolu 10 ("Dispożizzjonijiet Finanzjarji") tal-proposta, bl-eċċezzjoni ta' għadd żgħir ta' dispożizzjonijiet li għadhom qed jiġu eżaminati. Barra minn hekk, il-Kapitolu 7 ("Skambju ta' Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data"), il-Kapitolu 8 ("Kooperazzjoni mill-Aġenzija") kif ukoll il-Kapitolu 5 ("Monitoraġġ"), il-Kapitolu 11 ("Dispożizzjonijiet Ġenerali") u l-Kapitolu 12 ("Dispożizzjonijiet Finali") diġà ġew diskussi b'mod estensiv fil-livell tekniku.

Fl-31 ta' Mejju, il-Coreper ġie infurmat dwar il-progress li sar f'dan il-fajl. Barra minn hekk, il-Coreper iddiskuta l-kwistjoni tal-iskadenzi għall-istazzjonament ta' esperti nazzjonali fit-timijiet ta' appoġġ għall-asil u fil-grupp ta' riżerva għall-asil kif ukoll it-tul ta' żmien minimu tal-istazzjonament. Il-Coreper appoġġa s-suġġerimenti ta' kompromess imressqa mill-Presidenza għaż-żewġ kwistjonijiet. Barra minn hekk, il-Presidenza informat lill-Coreper li l-għadd totali ta' 500 espert għall-grupp ta' riżerva għall-asil għadu ma ntlaħaqx u stiednet lill-Istati Membri biex juru aktar flessibbiltà u biex iżidu l-wegħdiet tagħhom. Il-Presidenza laqgħet iż-żieda fil-wegħdiet irreġistrati matul il-laqgħa kif ukoll l-intenzjoni ta' ċerti Stati Membri oħrajn li jżidu l-wegħdiet tagħhom fi żmien qasir.

Il-Presidenza u l-Parlament Ewropew ippjanaw diversi laqgħat tekniċi u ftit aktar trilogi għax-xahar ta' Ġunju bl-għan li tiġi ffinalizzata l-ħidma li bdiet matul il-Presidenza Maltija abbażi tal-approċċ ġenerali parzjali.

IX. IR-REGOLAMENT DWAR IR-RISISTEMAZZJONI

Fl-4 ta' April 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil iffinalizza l-eżami tal-proposta fir-rigward tal-istabbiliment ta' Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Din il-proposta ġiet sussegwentement diskussa mill-Kunsillieri ĠAI fit-3 u d-19 ta' Mejju 2017 (8383/17). Għalkemm b'mod ġenerali d-delegazzjonijiet laqgħu l-objettivi tal-proposta, għad hemm xi riżervi ta' skrutinju pendenti.

Il-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) eżamina xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Mejju, jiġifieri l-prerogattivi tal-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni (l-Iskemi ta' Risistemazzjoni u ta' Ammissjoni Umanitarja tal-Unjoni), il-flessibbiltà fil-proċedura ta' ammissjoni umanitarja u l-possibbiltà li jingħata status temporanju skont il-liġi nazzjonali (9362/17).

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta tal-Presidenza li titħassar ir-referenza għall-iskemi (it-tgħaqqid tal-Artikolu 7 mal-Artikolu 8 tar-Regolament). F'dak li jirrigwarda l-flessibbiltà fil-proċedura ta' ammissjoni umanitarja, xi delegazzjonijiet urew tħassib dwar fit-twessigħ tal-ambitu tagħha għal persuni li mhumiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Delegazzjonijiet oħrajn kienu favur dan l-approċċ iżda għarfu li għad jeħtieġ li ssir aktar ħidma fil-livell tekniku (jiġifieri biex isir distinzjoni aħjar bejn "risistemazzjoni" u "ammissjoni umanitarja" fit-test). Fir-rigward tal-possibbiltà li jingħata status temporanju skont il-liġi nazzjonali, xi delegazzjonijiet esprimew riżervi, filwaqt li oħrajn jidhru li huma favur, b'xi sfumaturi.

Il-Presidenza bħalissa qed taħdem fuq proposti ta' kompromess ġodda dwar it-test biex jitkomplew id-diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsillieri ĠAI. L-għan tal-Presidenza huwa li tipprova tilħaq approċċ ġenerali dwar din il-proposta qabel tmiem is-semestru attwali.

X. L-APPLIKAZZJONI EFFETTIVA TAL-PRINĊIPJI TA' SOLIDARJETÀ U TA' RESPONSABBILTÀ

Fil-kuntest tan-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal riforma tar-Regolament ta' Dublin, avvanzaw id-diskussjonijiet bil-ħsieb li jintlaħaq kompromess dwar l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' responsabbiltà. Xi elementi rriżultaw bħala punti ġeneralment stabbli, li jistgħu jwasslu għal qbil, iżda fl-istess ħin, għad jeħtieġ li jsir aktar progress f'għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi ewlenin biex jiġi kkonsolidat l-appoġġ meħtieġ. Għal ħafna Stati Membri kull aspett huwa interkonness u l-qbil dwar element wieħed jiddependi wkoll mid-dettalji ta' dak l-element kif ukoll minn kif jiżviluppaw elementi oħrajn.

B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, kien hemm konsensus sabiex jiġi appoġġat approċċ komprensiv li r-riforma tas-SEKA hija biss aspett wieħed minnu. Jenħtieġ li din ir-riforma ssir b'mod parallel ma' politiki oħra, inkluż l-indirizzar ta' flussi migratorji 'l barra mill-UE, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, it-tisħiħ tar-ritorn, u l-iżgurar li kontrolli fuq il-fruntieri interni jibqgħu jkunu l-eċċezzjoni. Barra minn hekk, hemm intendiment ġenerali li jenħtieġ li s-SEKA riformata tiżgura l-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà. Dan ifisser li jeħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw l-*acquis* b'mod sħiħ, li jenħtieġ li s-sistema tal-asil tkun effiċjenti, jiġu evitati l-fatturi ta' attrazzjoni u l-iskoraġġiment ta' movimenti sekondarji, u li jenħtieġ li dan iwassal għal solidarjetà b'mod effikaċi u b'mod effiċjenti meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari meta Stat Membru jsib ruħu taħt pressjoni sproporzjonata jew jiġi affettwat b'mod negattiv minn avvenimenti mhux previsti. Madankollu, għad jeħtieġ li ssir aktar ħidma, b'mod partikolari fuq xi kwistjonijiet speċifiċi ewlenin.

XI. KONKLUŻJONI

Il-COREPER u l-Kunsill huma mistednin jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.